MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 390/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**V**

**CARMELA CINI**
**SAVIOUR JOSEPH CINI**
**FRANCIS XAVIER CINI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CARMELA CINI** mart Anthony u bint Francesco Azzopardi, imwielda nhar s-sitta ta' Lulju 1928 u residenti 'St. Anthony', Triq it-28 t'April 1688, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita` numru 35528G, **SAVIOUR JOSEPH CINI** bin Anthony u Carmela nee Azzopardi, imwieled nhar t-tnejn ta' Mejju 1965 u residenti 'St. Anthony', Triq it-28 t'April 1688, Xaghra, Ghawdex,

detentur tal-karta tal-identita` numru 16865G u **FRANCIS XAVIER CINI** bin Anthony u Carmela nee Azzopardi, imwieled nhar l-hamsa ta' Dicembru 1966 u residenti 'Harmony' Triq il-Papa Piju XII, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 37366G gew mressqa quddiemha akkuzati talli fid-disgha w ghoxrin t'April 2006 ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, minghajr l-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, dahlu fil-proprjeta tal-familjari Saliba li tinsab fi Triq x-Xwejni, Marsalforn, Ghawdex w ghamlu jew ordnaw li jsiru xoghlijiet f'din il-proprjeta.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz l-affidavit ta' PS 1346 Anton Schembri, r-rapport tal-Perit Valerio Schembri esibit bhala Dok. VS, s-sentenza tal-hamsa t'Ottubru 2004 (Citazzjoni numru 22/1998), s-sentenza datata hamsa t'Ottubru 2004 (Citazzjoni Numru 138/1989), s-sentenza tal-hamsa t'Ottubru 2004 (Citazzjoni numru 27/1998), il-kuntratt redatt quddiem in-Nutar Dottor Enzo Dimech nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1997 w il- kuntratt redatt minn Nutar Michael Refalo nhar l-hamsa ta' Marzu 1984 w il-pjanta mieghu annessa.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 1346 Anton Schembri, lil Perit Valerio Schembri, lir-Reverendu Emanuel Saliba kif wkoll lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju nhar s-sitta ta' Dicembru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi din l-Qorti tirrileva li bhala principju generali tal-proceduri penali, hi l-Prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputati huma veriteri u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti gharblet il-provi prodotti f'din il-kawza b'mod partikolari ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Dwar l-akkuza, ta' raggion fattasi, din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Debrincat** nhar l-hamsa w ghoxrin ta'

Novembru 2004, fejn sostniet li dan r-reat jigi kommess minn min fl-ezercizzju ta' dritt li ghandu [w indipendenti jekk verament ghandux o meno dak d-dritt] ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjeg ta' dak ix-xi hadd ikun qed igawdi. Il-ligi qed tipprotegi mhux d-dritt ta' sid l-proprjeta, mobbli jhew immobbli, izda d-dritt ta' min ikun qieghed <u>effettivament</u> igawdi dik l-proprjeta, jigifieri ta' min jkollu l-pussess materjali taghha [vide **Il-Pulizija v Paul Schembri** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

Illi kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan r-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta'dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni voluntarji fuq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan r-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu d-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni tal-pussess ta' dak li jkun gia jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terzi, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghaliex kif jghid il-**Carrara** [***Prog. Parte Speciale - Vol 5 - para 2850***]

*"L' atto esterno deve porivare altro contro sua voglia di un bene che gode chi e' nell'attuale godimento di un bene e' continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche' la lege protegge lo stato quo, il-quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita gudizziale." [vide* **Il-Pulizija v Eileen Said** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Gunju 2002****].*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati Carmela Cini u Francis Cini dahlu fil-proprjeta tal-familja Saliba minghajr ebda awtorizzazzjoni minghandhom kif del resto kienu jghaddu fil-passat.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputati CARMELA CINI, SAVIOUR JOSEPH CINI u FRANCIS XAVIER CINI hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tikkundannhom kull wiehed ghal hlas ta' multa ta' sittin (60) Euro.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------